# NITTRASFORMAW IL-ĦAJJIET, PAĠNA PAĠNA:

# HERITAGE MALTA TAGĦTI KOTBA LIL-LEARNING HUB TA' KORDIN

**Newspost | L-1 ta' Ottubru 2025**

Heritage Malta għamlet donazzjoni ta' kotba edukattivi lil-Learning Hub li għadu kif infetaħ fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, biex issaħħaħ l-impenn tagħha għall-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja.

L-għotja, ippreżentata formalment lill-Kap Eżekuttiv tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi, Christopher Siegersma, tinkludi varjetà ta' titli maħruġa mid-dar tal-pubblikazzjoni ta' Heritage Malta – fosthom kotba ta' tagħrif dwar siti storiċi, monografiji dettaljati, u l-ewwel storja grafika li l-aġenzija ħarġet aktar kmieni din is-sena.

Il-Learning Hub, li nfetaħ uffiċjalment f'Awwissu li għadda, huwa t-tieni wieħed tax-xorta tiegħu fil-faċilità korrettiva. Maħsub biex jgħin fir-riabilitazzjoni tar-residenti tal-faċilità, il-Hub joffri klassijiet moderni, librerija, u kamra tal-arti. Ir-residenti jistgħu jsegwu firxa wiesgħa ta' korsijiet, kollha mmirati biex itejbu l-impjegabbiltà u l-integrazzjoni mal-ħelsien.

Waqt il-preżentazzjoni tal-kotba, il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, Noel Zammit, enfasizza l-potenzjal trasformattiv tal-inizjattiva. "Dan il-Learning Hub ġdid huwa ħafna aktar minn sempliċiment kamra b'kotba u riżorsi – huwa ċavetta għall-opportunità, it-tkabbir u l-bidla. L-edukazzjoni ma ġġibx biss għarfien iżda wkoll trasformazzjoni. Kull paġna moqrija, kull ħila miksuba, hija investiment fil-ġejjieni. Heritage Malta tittama li din id-donazzjoni tispira lill-persuni li jgħixu fil-faċilità biex iħaddnu l-edukazzjoni bħala għodda għat-tkabbir personali u futur isbaħ," qal is-Sur Zammit.

Ix-xewqa ta' Heritage Malta hi li l-għotja tagħha tkun tfakkira li l-iżvilupp ma jieqaf qatt u li kull wieħed minna għandu ħila jibqa' dejjem jitgħallem, jimxi 'l quddiem u jtejjeb lilu nnifsu, anke fl-aktar ċirkostanzi ta' sfida.

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta